## Qorti tal-Maġistrati (Malta)

# RIK NRU 90/2022: **L-AVUKAT JOSEPH ELLIS (KI. 21763G) U L-PROKURATUR LEGALI VERONICA ROSSIGNAUD (KI. 271354M) V. IR-REĠISTRATUR TAL-QORTI (MALTA)**

(AZZJONI TA' RITASSA)

## MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**22 ta' Jannar 2024**

IL-QORTI,

wara li rat ir-rikors tal-Avukat Joseph Ellis u l-Prokuratur Legali Veronica Rossignaud ("ir-rikorrenti") ippreżentat fit-12 ta' April 2022[1] li permezz tiegħu ppremettew u talbu s-segwenti:

Illi huma nħatru kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-assenti Warren David Baker kif ukoll lill-assenti Jon Eric Effinger permezz ta' digriet tal-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat-2 ta' Marzu, 2015 fil-kawża fl-ismijiet "Gonzalo Jose Gomez Perez, detentur tal-Passaport Spanjol numru XDA501881 u ta' residence document MT 1455431 bħala mandatarju tas-soċjetà estera Catapult Holding Inc vs. Dr Joseph Ellis u l-PL Veronica Rossignaud li b'digriet tat-2 ta' Marzu, 2015 ġew nominati kuraturi deputati għan-nom tal-assenti Warren David Baker u għan-nom tal-assenti Jon Eric Effinger" (Rikors Maħluf Numru: 115/15 LM).

Illi l-esponenti ma rnexxielhomx jagħmlu kuntatt mal-assenti għalkemm kemm il-darba żammew lill-avukat li kien qed jassistihom fi proċeduri arbitrali f'Malta infurmat b'dak li kien għaddej f'dina l-kawża. Illi l-kawża msemmija ġiet deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-30 ta' Settembru 2016 kontra l-assenti.

[1] Fol 1-3

Illi minkejja n-nuqqas ta' awtorizzazzjoni espliċita minħabba li ma kienx hemm kuntatt mal-assenti l-esponenti ħassew illi għandhom jissalvagwardjaw l-interessi tal-assenti billi jinterponu appell mis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili.

Illi mingħajr ma kienu jafu l-esponenti, l-assenti inkarigaw lill-avukat Kevin Camilleri Xuereb sabiex jirrappreżentahomm fil-proċeduri msemmija. Illi l-imsemmi avukat Camilleri ppreżenta appell ieħor u ppreżenta rikors sabiex jiġi rikonoxxut mandatarju u l-esponenti jiġu estromessi minn dawn il-proċeduri, liema rikors intlaqa' fit-12 ta' Diċembru 2016.

Illi wara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-1 ta' Diċembru 2020, l-intimat Reġistratur irrilaxxa t-taxxa tad-drittijiet u spejjeż tar-rikorrenti fil-kawża sureferita hawn allegata bħala Dok. "A" u għoġbu jintaxxa id-dritt tal-esponenti għall-proċedura tal-appell fl-ammont ta' € 310 u € 103.33 rispettivament mentri ntaxxa d-dritt ekwivalenti tal-avukat Kevin Camilleri Xuereb fl-ammont ta'€ 5,249.87 u € 1,749.96 bħala dritt dovut lill-prokuratur legali.

Illi l-esponenti jidrilhom illi dina t-taxxa hija żbaljata fir-rigward tad-dritt intaxxat lill-esponenti fil-proċedura tal-appell għax jissottomettu bil-qima illi kellu jiġi applikat artiklu 33 i tat-Tariffa E tal-Iskeda A tal-Kap. 12 u jiġi ntaxxat terz tad-dritt normali dovut u l-istess japplika għad-dritt tal-p.l. li ppreżenta r-rikors tal-appell.

Għaldaqstant, l-esponenti, għall-imsemmi raġuni u għal oħrajn illi jistgħu jitressqu fil-kors ta' dawn il-proċeduri, bil-qima jitolbu r-riforma tal-imsemmija taxxa kif premess.

wara li rat ir-rikors ulterjuri tar-rikorrenti ppreżentat fil-25 ta' April 2022[2] li permezz tiegħu ppremettew u talbu s-segwenti:

Illi in addizzjoni mat-talbiet dedotti mill-esponenti fir-rikors suċitat għar-riforma tat-taxxa in kwistjoni, l-esponenti jidrilhom illi dina t-taxxa hija żbaljata ukoll fir-rigward tad-dritt intaxxat bħala dritt reġistru appell Dr. J. Ellis fl-ammont ta' € 650 stante illi l-appell intavolat mill-esponenti ġie ppreżentat fil-kwalità tagħhom ta' kuraturi deputati u allura, l-ebda dritt m'hu dovut lir-Reġistru mill-esponenti fil-kwalità tagħhom premessa.

Għaldaqstant, l-esponenti, għall-imsemmi raġuni, bil-qima jitolbu ukoll ir-riforma tal-imsemmija taxxa kif hawn indikat.

wara li rat ir-risposta tar-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali ("l-intimat" jew "ir-Reġistratur intimat") ippreżentata fis-17 ta' Mejju 2022[3] li permezz tagħha eċċepixxa kif ġej:

1. Illi r-rikors ippreżentat mir-rikorrenti fit-12 t'April 2022 fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) qiegħed jattakka taxxa maħduma fl-1 ta' Marzu 2022 wara s-sentenza mogħtija fl-1 ta' Diċembru 2021 mill-Onor. Qorti tal-Appell fl-ismijiet "Gonzalo Jose Gomez Perez noe vs Dr Joseph Ellis et noe"

2. Illi b'digriet tal- Prim' Awla tal-Qorti Ċivili datat-2 ta' Marzu 2015, ir-rikorrenti kienu ġew nominati kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-assenti Warren David Baker u Jon Eric Effinger.

---

[2] Fol 4
[3] Fol 9-11

3. Illi wara li l-kawża surreferita ġiet deċiża mill- Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fit-18 t'Ottubru 2016, ġie intavolat rikors tal-appell minn Dr. Kevin Camilleri Xuereb bħala mandatarju tal-fuq imsemmija konvenuti assenti. Inoltre kontestwalment mal-appell ġie ppreżentat rikors sabiex jigu estromessi l-kuraturi, liema rikors ġie milqugħ fit-12 ta' Diċembru 2016.

4. Illi l-kuraturi deputati tal-konvenut assenti ppreżentaw rikors tal-appell ieħor fl-20 t'Ottubru 2016 b'dan illi l-konvenuti assenti ppreżentaw żewġ appelli. Tajjeb li jingħad illi meta ġie ppreżentat it-tieni rikors t'appell mill-kuraturi deputati, dawn l-istess kuraturi kienu għadhom fl-inkarigu lilhom mogħti, liema inkarigu ġie revokat fit-12 ta' Dicembru 2016.

5. Illi **preliminarjament** l-esponenti jsostni li din il-Qorti mhix kompetenti li tieħu konjizzjoni ta' rikors magħmul ai termini tal-art. 64 (Kap. 12) f'każ ta' taxxa maħduma wara deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell izda hija l-Prim' Awla tal-Qorti

Ċivili li għandha din is-setgha u dan kif jingħad fis-sentenza fl-ismijiet ***Debono vs Muscat*** deċiża mill-Qorti ta' l-Appell fit-2 ta' Marzu 1904:-

> "la tassazione o liquidazione delle spese giudizarie è atto del registratore e non della Corte che avesse deciso la causa, ed in conseguenza la domanda per la correzione di una tassa, costituendo una causa di natura civile è giudicabile dalla Prim'Awla"

6. Illi ghaldaqstant konsegwentement, din l-Onorabli Qorti għandha tibgħat dawn l-atti quddiem il-Prim' Awla kif jipprovdi l-art. 741(b) tal-Kap. 12.

7. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponenti jissottometti illi t-taxxa maħduma fl-1 ta' Marzu 2022 hija korretta.

8. Illi hawn si tratta minn żewġ appelli tal-istess konvenuti ppreżentati minn difensuri differenti. Tajjeb li jingħad illi l-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-sentenza datata 1 ta' Dicembru 2016 ma kkunsidratx ir-rikors tal-appell ippreżentat mill-kuraturi (ir-rikorrenti f'dan ir-rikors) u fil-fatt qalet hekk:

> "Jibda' biex jingħad illi miż-żewġ appelli li ġew intavolati mill-konvenuti Baker u Effinger din il-Qorti sejra tqis l-ewwel wieħed: dak li sar mill-mandatarju tagħhom Dr. Kevin Camilleri Xuereb. "

9. Illi meta ġie biex jintaxxa dawn l-appelli, ir-reġistratur ma setax jintaxxahom it-tnejn daqs li kieku kienu appelli magħmulin minn partijiet differenti. Lanqas kien ikun ġust li jiskarta x-xogħol magħmul mill-kuraturi, dan in prinċipju tal-massima *"omnia labor optat premium"*, ghalkemm il-qorti ma haditx konjizzjoni tieghu, kif gja inghad.

10. Illi peress li fir-rikors tal-appell tagħhom il-kuraturi qajmu aggravju wieħed li kien dwar in-nuqqas ta' dispożizzjoni tal-liġi ad hoc dwar responsabbilta` ċivili u tikkwalifika bħala dikjarazzjoni dwar punt ta' liġi, ġie intaxxat kif provdut fil-para. 15(a) tat-Tariffa E annessa mal-Kodiċi tal-Procedura (Kap. 12).

11. Illi certament ma jagħmilx sens li l-appell tal-istess appellanti jigi ntaxxat darbtejn fuq il-valur.

12. Illi mir-rikors jidher li r-rikorrenti qed jinvoka l-para 33(i) tat-Tariffa E (Kap appell. Tant hu hekk illi Dr. Camilleri Xuereb kien diġa ppreżenta r-rikors tal-appell u għalhekk il-kuraturi ma kellhom qatt jippreżentaw ir-rikors f'isem xi ħadd li kien ġja appella, meta dawn faċilment setgħu vverifikaw li ġja kien sar appell mill-istess konvenuti assenti.

13. Salv jekk ikun il-kaz eccezzjonijiet ulterjuri.

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet surreferiti, t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda in toto bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

wara li rat id-digriet tagħha tal-20 ta' Marzu 2023 li permezz tiegħu ċaħdet l-eċċezzjoni preliminari ta' kompetenza mressqa mir-Reġistratur intimat u ddikjarat illi l-Qorti għandha l-ġurisdizzjoni *ratione valoris* li tieħu konjizzjoni tar-rikors promotur,

wara li semgħet ix-xhieda u qrat it-traskrizzjoni tat-testimonjanza tagħhom,

wara li rat id-dokumenti kollha li ġew esebiti fil-kors tal-kawża,

wara li semgħet it-trattazzjoni bil-fomm li ġiet magħmula għan-nom

- tar-rikorrenti, mill-Avukat Dr. Joseph Ellis,
- tar-Reġistratur intimat, mill-Avukat Dr. Vanessa Grech,

qed tagħti dan id-

## Digriet finali

1. Dan ir-rikors b'talba għal ritassa ġie intavolat ai termini tal-Art. 64 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta li jipprovdi s-segwenti:

> **'64. (1) L-ispejjeż ġudizzjarji jiġu ntaxxati u likwidati mir-reġistratur, u t-taxxi magħmulin minnu ma jistgħux jiġu attakkati wara li jagħlaq xahar. Dik l-azzjoni għandha tinbeda b'rikors li għandu jiġi trattat sommarjament mill-qorti. Dan iż-żmien, għal dawk li jitolbu**

**t-taxxa tal-ispejjeż, jibda jgħodd mill-ġurnata li fiha tkun ħarġet it-taxxa, u, għad-debitur li jkun regolarment innotifikat bit-taxxa b'att ġudizjarju, mill-ġurnata ta' dik in-notifika.**

**(2) Ir-rikorrent għandu jara li kopja tar-rikors għandha tiġi notifikata lil kull min ikollu interess fih, li mbagħad ikollu għoxrin jum li matulhom ikun jista' jippreżenta risposta.**

**(3) Il-proċeduri bil-miktub li għandhom x'jaqsmu mar-rikors għandhom jitqiesu magħluqin meta ssir ir-risposta jew jekk din ma ssirx, meta jagħlaq iż-żmien mogħti għaliha. Il-partijiet għandhom jiġu notifikati bid-data meta jkun ser jinstema' r-rikors.'**

2. Ir-ritassa mitluba hija tat-taxxa tad-drittijiet u l-ispejjeż maħduma mir-Reġistratur intimat fl-1 ta' Marzu 2022 maħruġa lir-rikorrenti wara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Superjuri) fl-ismijiet: **<u>Gonzalo Jose Gomez Perez noe. v. Dr. Joseph Ellis et.</u>** (Rik. Nru. 115/2015/1, 01/12/2021). Ir-Reġistratur intaxxa d-dritt tal-avukat u prokuratur legali rikorrenti fis-somma ta' €310 u €103.33 rispettivament mentri dawn qed jinsistu li kellu jiġi intaxxat favur tagħhom terz tad-dritt normali dovut ai termini tal-Art. 13 u l-Art. 33(i) tat-Tariffa E tal-Iskeda A tal-Kap. 12 li japplika għal meta avukat jabbanduna jew jiġi abbandunat mill-klijent (i.e. terz ta' € 5,249.87 u € 1,749.96 rispettivament). Ir-rikorrenti qed jitolbu ukoll (permezz ta' rikors ulterjuri) illi l-ammont ta' dritt tar-Reġistru għall-appell intavolat mill-Avukat Dr. Joseph Ellis intaxxat fl-ammont ta' € 650 jiġi riformat għal €0 stante illi fil-fehma tagħhom l-ebda dritt m'huwa dovut lir-Reġistru.

3. Qabel xejn irid jingħad illi meta bid-digriet tagħha tat-2 ta' Marzu 2015 fl-atti tal-kawża fuq imsemmija l-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili ħatret lir-rikorrenti bħala kuraturi deputati għan-nom tal-assenti Warren David Baker u Jon Eric Effinger hija għamlet hekk sabiex l-istess rikorrenti jirrappreżentaw l-interessi tal-assenti fl-atti ta' dik il-kawża **<u>u fl-atti u l-proċeduri l-oħra relattivi jew sussegwenti.</u>**

4. Meta ingħatat is-sentenza mill-Ewwel Qorti fit-30 ta' Settembru 2016, minkejja li sa' dakinhar ir-rikorrenti kienu għad ma kellhom l-ebda kuntatt mal-assenti, huma ħassew li kellhom jissalvagwardjaw l-interessi tagħhom u jkomplu jaqdu d-dmir tagħhom billi jintavolaw appell mill-istess sentenza. Dak iż-żmien l-liġi kienet titlob li l-appell jidħol fi żmien għoxrin (20) ġurnata mid-data tas-sentenza u għalhekk ir-rikorrenti kellhom ċans idaħħlu l-appell sa mhux aktar tard mill-20 ta' Ottubru 2016. Filfatt huma intavolaw l-appell fl-20 ta' Ottubru 2016. Ġara illi, jumejn qabel, sewwasew fit-18 ta' Ottubru 2016, l-assenti Warren David Baker u Jon Eric Effinger kienu diġà intavolaw appell tramite l-mandatarju tagħhom Dr. Kevin Camilleri Xuereb. Mis-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Superjuri) – mogħtija fl-1 ta' Diċembru 2021 - jirriżulta illi:

> *"Fl-istess jum (ċioe fit-18 ta' Ottubru 2016) Dr. Kevin Camilleri Xuereb ippreżenta rikors fejn talab l-estromessjoni tal-kuraturi deputati u t-trasfużjoni tal-atti f'ismu bħala mandatarju ta' Baker u Effinger, liema rikors ġie milqugħ fit-12 ta' Diċembru 2016."*

5. Fix-xhieda tagħha tat-8 ta' Mejju 2023 **Charmaine Bugeja**, Assistent Reġistratur (Qrati Ċivili u Tribunali) ippreżentat kopja ta' korrespondenza li għaddiet bejnha u bejn ir-rikorrent Dr. Joseph Ellis li turi li fl-4 ta' April 2022 Dr. Ellis talabha sabiex tirrevedi t-taxxa li kienet inħarġet fl-1 ta' Marzu 2022 u li kien sar jaf biha dakinhar stess. Hija spjegat illi hija kienet fliet il-proċess tal-Qorti tal-Appell u kellmet lid-deputata li kienet taħdem hemm u li ħarġet it-taxxa. Hija kkonkludiet illi peress illi fl-appell kienu daħlu żewġ rikors t'appell mill-istess persuna u peress illi l-Qorti tal-Appell kienet iddeċidiet illi tqis biss l-appell intavolat minn Dr. Kevin Camilleri Xuereb, allura ma kienx hemm lok li l-appell intavolat mir-rikorrenti jiġi intaxxat fuq il-valur sħiħ skond l-Art. 13 u l-Art. 33(i) tat-Tariffa E tal-Iskeda A tal-Kap. 12. Għalhekk ġie intaxxat biss bħala punt ta' liġi skond l-Art. 15(a) tal-istess Tariffa E.

**Kunsiderazzjoni**

6. Qabel xejn iż-żewġ tariffi in kwistjoni jaqraw kif ġej. Dik invokata mir-Reġistratur intimat tipprovdi hekk:

> **'15. (a) Għal kull dikjarazzjoni oħra meħtieġa li jkun fiha d-deċiżjoni ta' xi punt ta' liġi jew ta' fatt ........................... minn € 23.29 sa € 232.94'**

Għalhekk bl-applikazzjoni tal-Art. 38 tal-istess Tariffa E (li jipprovdi illi "*fuq appell id-drittijiet li hemm fil-paragrafi 13 sa 36 inklużi, għandhom jiżdiedu b'terz*") ir-Reġistratur intimat iddeċieda li jintaxxa d-dritt tal-avukat rikorrenti għall-appell bħala € 310 u d-dritt tal-prokuratur legali rikorrenti bħala € 103.33.

It-tariffa invokata mir-rikorrenti min-naħa l-oħra tipprovdi kif ġej:

> **'33. Jekk Avukat jitlaq lill-klijent jew jiġi abbandunat mill-klijent:**
>
> **(i) wara li r-rikors jew ir-risposta tkun ġiet preżentata, ikollu jedd għal terz tad-dritt normali;**
>
> **(ii) wara l-istadji ta' hawn fuq iżda qabel ma tiġi differita l-kawża għas-sentenza, jkun intitolat għal żewġ terzi tad-dritt normali.'**

Id-dritt normali skond ir-rikorrenti huwa dak *ad valorem* skond l-Art. 13 tal-istess Tariffa E. Għalhekk ir-rikorrenti jisħqu illi huma kellhom jieħdu t-terz tad-dritt normali li kien intaxxat għall-Avukat Dr. Kevin Camilleri Xuereb (i.e. 1/3 ta' € 5,249.87) u l-prokuratur legali tiegħu (i.e. 1/3 ta' € 1,749.96)

7. Huwa ċar għall-Qorti illi sat-12 ta' Diċembru 2016 ċioe sad-data tad-digriet tal-Qorti tal-Appell (Superjuri) li permezz tiegħu rrevokat l-ħatra tar-rikorrenti bħala kuraturi tal-assenti, l-istess rikorrenti kienu għadhom fil-kariga tagħhom ta' kuraturi deputati tal-istess assenti.

8. Huwa daqstant ieħor ċar illi t-taxxa maħduma mir-Reġistratur intimat u senjatament id-drittijiet tar-reġistru u tal-avukat u l-prokuratur legali l-ġodda kienu bbażati fuq valur determinat li joħroġ mis-sentenza finali, ossia dak ta' **€ 323,082.48**, iżda r-Reġistratur iddeċieda illi iqis l-appell intavolat mir-rikorrenti bħala bbażat fuq punt ta' liġi fejn il-valur m'huwiex determinat.

9. Il-Qorti tqis illi għalkemm huwa minnu illi l-liġi ma tipprovdix għal eventwalita' bħal din, u ċioe fejn ikunu daħlu żewġ appelli mill-istess persuna, ma jagħmel xejn sens ir-raġunament tar-Reġistratur illi d-dritt tar-rikorrenti għandu jiġi intaxxat biss bħala punt ta' liġi u dan għaliex r-rikors tal-appell tagħhom ma jista' qatt jiġi kkunsidrat in iżolament iżda bħala parti minn proċess sħiħ fejn is-sentenza finali b'mod ċar kienet waħda li kellha valur determinabbli. Fis-sew jingħad illi din is-sitwazzjoni kienet tqarreb ferm iżjed lejn dik li jipprovdi għalih l-Art. 33 u ċioe fejn l-avukat jitlaq jew jiġi abbandunat mill-klijent. Għalkemm f'dan il-każ ir-rikorrenti la telqu lill-klijent u lanqas ma ġew abbandunati minnu, effettivament bid-digriet tal-Qorti tat-12 ta' Diċembru 2016 huma ġew mkeċċija mir-rwol tagħhom b'dan li għalhekk peress illi huma kienu laħqu diġà ppreżentaw ir-rikors tagħhom, kellhom jedd għal terz tad-dritt normali.

10. Fuq kollox il-Qorti ma tistax ma tissenjalax illi din is-sitwazzjoni avverat ruħha b'tort tar-Reġistratur intimat illi ma kellu qatt jaċċetta r-rikors tal-appell intavolat mir-rikorrenti fl-20 ta' Ottubru 2016 darba kien diġà ġie reġistrat rikors ta' appell ieħor mill-istess persuni assenti, jumejn qabel. Jekk xejn, f'dak l-istadju kellha tittieħed direzzjoni, jekk hemm bżonn bil-koperazzjoni u b'konsultazzjoni mal-mandatarju tal-assenti, qabel ma jiġi aċċettat l-istess rikors. Għal dan in-nuqqas, m'għandhomx jaħtu r-rikorrenti li fuq kollox aġixxew sabiex jiddefendu l-interessi tal-klijenti tagħhom u għalhekk kienu qed jaqdu dmirhom kif obbligati li jagħmlu bid-digriet tan-nomina tagħhom bħala kuraturi.

11. Il-Qorti għalhekk sejra tilqa' t-talba tar-rikorrenti u tordna r-ritassa tat-taxxa imsemmija. Madanakollu fir-rigward tat-talba l-oħra magħmula b'rikors sussegwenti intavolat mir-rikorrenti fil-25 ta' April 2022, u ċioe sabiex l-ammont ta' dritt tar-Reġistru għall-appell intavolat mir-rikorrenti intaxxat fl-ammont ta' € 650 jiġi riformat għal €0 (stante illi fil-fehma tagħhom l-ebda dritt m'huwa dovut lir-Reġistru), il-Qorti tara illi m'għandiex tidħol f'din il-kwistjoni ġaladarba r-rikorrenti m'għandhom l-ebda interess ġuridiku fiha. Dan qed jingħad għaliex f'din il-proċedura r-rikorrenti qed jaġixxu għan-nom u fl-interess tagħhom personali (u mhux fl-interess tal-assenti li kienu jirrappreżentaw) u għalhekk kwalsiasi deċiżjoni fir-rigward tad-dritt dovut lir-Reġistru ma tista' qatt tkun a benefiċċju ta' jew kontra l-interessi tar-rikorrenti.

**Deċiżjoni**

12. **Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qegħda:**

   1. **tiddisponi mir-rikors tat-12 ta' April 2022 billi tilqa' t-talba tar-rikorrenti u tordna lir-Reġistratur intimat jerġa joħroġ it-taxxa mill-ġdid b'dan li għandu jintaxxa d-drittijiet tar-rikorrenti fir-rigward tal-appell bħala terz tad-dritt normali dovut. Bl-ispejjeż kontra r-Reġistratur intimat.**

2. **tiddisponi mir-rikors tal-25 ta' April 2022 billi tastjeni milli tieħu konjizzjoni tiegħu peress li r-rikorrenti m'għandhom l-ebda interess ġuridiku fl-azzjoni intavolata minnhom.**

| | |
|---|---|
| V.G. Axiak | Y.M. Pace |
| Maġistrat | Dep. Reġistratur |